MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 85/2024-8**

**Il-Erbgħa, 24 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fit-3.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dott. Marlene Cini - Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech - Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

---

**85.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

85.1.1 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Viċi Sindku, Sandra Grech ser tittardja.

**85.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

85.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 84/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

85.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

85.2.3 Il-Kunsillier Baskal Saliba talab għal dawn il-korrezzjonijiet sabiex f'paġna 5, minuta nru 84.4.4.2 tiżdied *ġo passaġġ*. Talab ukoll sabiex tiġi mħassra minuta nru 84.4.4.6. Il-membri qablu. Kulħadd kien favur li dawn il-minuti jiġu approvati b'dawn il-korrezzjonijiet.

**85.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

85.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini tat sommarju x'ġie diskuss fil-laqgħa li saret dak in-nhar stess mal-Ministru għal Għawdex. Qalet li l-Ministru ser jagħti bidu għal scarrifying u resurfacing ta' Triq il-Qbajjar u Triq ix-Xagħra. Rigward Triq ta' Ċenċ ser isiru xi piles wara li jinħareġ l-istudju li sar. Rigward il-crash barriers ta' Triq l-Imgħallem ġie maqbul sabiex il-Perit tal-Kunsill jibgħat rapport tekniku sabiex dawn jiġu nstallati.

85.3.2 Is-Sindku nfurmat lill-membri li kif kien maqbul il-Karnival fiż-Żebbuġ ser isir il-Ħadd, 11 ta' Frar fin-12.30 ta' wara nofsinhar. Infurmathom li sabiex l-ispiża tkun kemm jista' jkun minima ser issir zifna b'100 tifel u tifla minn kumpanija, ser issir il-kukkanja, ser ikun hawn logħob għat-tfal u bouncy castle kif ukoll ser issir il-prinjolata. Infurmat lil membri li grazzi għal Cultural Funds il-Kunsill ser ikun qed jieħu €1,500. Il-Kunsill hu mistenni joħroġ madwar daqshekk oħra.

85.3.3 Fakkret ukoll lil membri li l-Ħamis, 8 ta' Frar 2024 ser issir l-attivita' fil-librerija *Maskarat Ejja Aqra Miegħi* fejn isir xi story telling għat-tfal.

85.3.4 Is-Sindku nfurmat lil membri li beda jitwaħħal il-PVC railing ta' Triq Santa Marija. Il-Kunsillier Nicky Saliba ġibed l-attenzjoni li mhux qed jintużaw viti stainless steel. Is-Seg. Eżekuttiv talbet permess sabiex

iċċempel lil kuntrattu fejn dan informa lil Kunsill li l-poles huma powder coated galvanized hollow section. Is-Seg. Eżekuttiv ġiet mitluba sabiex tivverifika x'hemm imniżżel fuq l-offerta.

85.3.5 Is-Sindku nfurmat lil membri li d-dawl ta' Triq Santa Marija ġie ordnat u għandu jasal fl-aħħar ta' Frar.

85.3.6 Is-Sindku, Dr Marlene Cini nfurmat lil membri li x-xogħol fuq il-Playing Field tal-Qbajjar promenade liema xogħol qed isir bil-fondi tal-LESA hu previst li sad-9 ta' Frar ikun lest ix-xogħol ta' bini u bażi għal playing field equipment. Wara għandu jibda jeħel l-equipment kollu. Dan il-proġett hu mistenni li jitlesta' sa l-aħħar ta' Frar.

85.3.7 Infurmat ukoll lil membri li ħarġet skema oħra – Proġetti fil-Kommunitajiet 2024 – skema maħruġa mill-LESA u l-AKL. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li l-Kunsill japplika għal fondi sabiex jinbidel l-equipment kollu tal-Qbajjar Promenade. Is-Seg. Eżekuttiv ġiet mitluba sabiex tiġbor l-kwotazzjonijiet u titħejja il-BOQ sabiex il-Kunsill ikun jista' jissottometti l-applikazzjoni.

85.3.8 Is-Sindku nfurmat lil membri li saret talba mill-Għaqda ta' l-Armar sabiex jinbidlu l-arbli tal-ħadid liema spiża hi mistennija titla' bejn €3,800 u €4,000. Il-membri qablu.

## 85.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

85.4.1 *Il-Kunsillier Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

85.4.1.2 Ġibed l-attenzjoni illi sar qbil fuq Whatsapp bejn il-membri sabiex jinxtara bukkett fjuri lil mara tal-Kunsillier Baskal Saliba għal wild tat-tarbija tagħhom u dan baqa ma sarx.

85.4.1.3 Staqsa għaliex għandu jintalab il-permess ta' l-ERA sabiex jinżabru s-siġar minn Triq is-Sagħtrija meta fil-verita' kull ma hemm bruka waħda. Is-Sindku nfurmatu li dejjem għandu jintalab il-permess ta' l-ERA.

85.4.1.4 Staqsa rigward is-siġra li kellha tinqata' minn Triq l-Imgħallem fejn iċ-ċimiterju liema proposta kienet resqita l-Viċi Sindku. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li l-Agrikultura infurmawha li ma jistgħux jiżbruha peress li tinsab fil-privat.

85.4.1.5 Staqsa rigward trinka tad-dawl li kienet saret fi Triq is-Sagħtrija u jekk din saritx mill-Kunsill. Is-Sindku nfurmatu li din ma saritx mill-Kunsill. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li mhux ġust li t-trinka ma baqgħetx tielgħa tul it-triq kollha. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni diġa f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li

lanqas il-ħitan tas-sejjiegħ ma saru kullimkien. Is-Sindku nfurmatu li l-ħitan li nbnew mill-Kunsill inbnew minn kemm il-Kunsill kellu fondi ta' l-EU għad-dispożizzjoni tiegħu. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona u l-membri qablu li l-Kunsill għandu jkellem lil kuntrattur u lil Inginier ta' l-Enemalta sabiex jitkompla dan is-servizz.

85.4.1.6 Talab sabiex jinbena l-ħajt tas-sejjiegħ ta' J Mercieca li kien diġa ġie approvat mill-Kunsill. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill għadu jistenna lil kuntrattur jiġi jiffirma l-Kuntratt sabiex ikun jista' jingħata bidu għal dan ix-xogħol.

85.4.1.7 Staqsa meta ser jinbeda x-xogħol fuq ir-restawr tal-kanuni. Is-Seġ. Ezekuttiv infurmatu li dan ix-xahar għandu jingħata bidu għal dan ix-xogħol peress li l-kuntrattur kien indispost.

85.4.1.8 Staqsa f'hiex wasal ix-xogħol ta' żebgħa ta' sinjali tat-traffiku fiż-Żebbuġ. Is-Sindku nfurmatu li l-Kuntrattur diġa beda jiżboħ in-naħħa tal-Ponta u ser ikompli l-kumplament tar-raħal.

85.4.1.9 Talab sabiex teħel bozza ġdida fi Triq Dun Karm Cachia fejn is-Sna. V Zammit diġa tat il-permess bil-miktub sabiex din il-bozza teħel mad-dar tagħha. Il-membri qablu.

85.4.1.10 Talab sabiex teħel bozza ġdida fuq arblu fi Triq Skappuċċina fejn il-Playing field tal-Virtut. Il-membri qablu.

85.4.1.11 Talab sabiex teħel bozza ġdida fuq arblu fejn sar l-istorm water culvert fi sqaq fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri. Il-membri qablu.

85.4.1.12 Talab sabiex titranġa Triq l-Imgħallem mit-Tarmac Plant il-fuq. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

85.4.1.13 Propona sabiex it-tabelli li hemm fix-Xwejni jinbidlu u jsiru b'materjal li jiflaħ aktar għal elementi peress li tal-ħadid qed jispiċċaw bis-sadid. Il-membri qablu li dawn jinbidlu.

85.4.1.14 Propona u l-membri qablu sabiex tinżebaħ STOP fl-art fi Triq il-Kaċċaturi. Il-membri qablu.

85.4.1.15 Talab sabiex teħel mera tat-traffiku mill-kbar fi Triq id-Duluri faċċata ta' Triq il-Munġbell. Il-membri qablu.

85.4.1.16 Talab sabiex il-parkeġġ ta' Triq Għar Qawqla jsir man-naħħa tar-railing. Is-Sindku nfurmatu li hemm xi korrispondenza mal-Perit f'dan ir-rigward peress li din it-talba kienet diġa saret mill-Kunsillier Daniel Cordina.

85.4.1.17 Talab sabiex jsir il-manteniment meħtieġ tal-Playing Field tal-Virtut fejn jinżebaħ il-ħadid kollu u jinżebaħ ukoll il-bieb tal-garaxx. Il-membri qablu li dan ix-xogħol jsir mill-Għaqda tan-Nar u jingħataw €2,000 għal dan ix-xogħol.

---

85.4.2 *Il-Kunsillier, Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:-*

85.4.2.1 Informa lill-membri li l-Playing Field taż-Żebbuġ għadu nofsu bla dawl. Qal li dan il-playing field huwa fuq żewġ salva viti u hemm bżonn tissolva l-problema. Ġibed l-attenzjoni li hemm ukoll fanal mgħawweġ li aktarx laqqat daqqa ta' karozza. Is-Sindku nfurmatu li kellemt lil Kuntrattur f'dan ir-rigward diversi drabi u ċemplet lil Kuntrattur waqt il-laqgħa fejn dan informa lis-Sindku li ser jibdel il-wiring ta' parti minnu.

85.4.2.2 Irringrazzja lil Kunsill li ttieħdet azzjoni rigward il-palm taż-Żebbuġ Playing Field.

85.4.2.3 Talab sabiex jitwaħħlu l-bollards tal-plastic fit-triq li ngħatat bil-konkos grazzi għal Ministeru għal Għawdex li minn fejn il-Horizon tieħdok għal Bajja tal-Qbajjar. Talab ukoll sabiex terġa teħel tabella 'Dead End'. Il-membri qablu.

85.4.2.4 Talab sabiex isir malajr kemm jista' jkun l-aċċess għal persuni b'diżabilita' fi Ġnien iż-Żebbuġ.

85.4.2.5 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil kuntrattur N. Cassar rigward id-dawl fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Mhelhel.

85.4.2.6 Talab sabiex tinħareġ l-offerta għal kisi mill-ġdid ta' parti minn Triq il-Ponta. Is-Sindku nfurmatu li l-ewwel għandu jiġi approvat il-Budġet.

85.4.2.7 Talab sabiex tiġi sospiża l-laqgħa sabiex ikun jista' jgħaddi informazzjoni lis-Seg. Eżekuttiv fuq persuna minħabba d-data protection. Il-membri qablu sabiex tiġi avviċinata din il-persuna rigward ir-rampa illegali fil-Wied fi Triq tal-Ħamra.

85.4.2.8 Talab sabiex isir il-patching neċessarju fi Triq il-Kanun u jinqata pulit bil-magna minn mat-tarmac. Il-membri qablu li jitqabbad J. Saliba.

85.4.2.9 Propona u l-membri qablu sabiex jinbena mill-ġdid il-ħajt tat-triq li qed jinbeżaq il-barra fi Triq Wied l-Infern. Il-membri qablu li dan għandu jinbena bil-kantun minn JP Saliba.

85.4.2.10 Propona sabiex jinżebgħu l-bandli tal-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li dan ix-xogħol għandu jsir minn MG Caruana.

85.4.2.11 Talab sabiex issir talba fuq il-Gozo LC Works sabiex il-linja l-bajda tan-nofs fi Triq l-Imgħallem ma tibqax sinjal kontinwu pero issir maqtugħa kif kienet fil-passat. Il-membri qablu.

85.4.2.12 Talab sabiex jinbena ħajt ta' 2 filati ġol wied ta' Marsalforn fejn il-farm tat-tiġieġ. Il-membri qablu li jsir minn M Portelli.

85.4.2.13 Talab sabiex jitkaħħlu t-toqob minn fejn inqala r-railing tal-ħadid fi Triq Santa Marija. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

85.4.2.14 Talab sabiex il-moll ta' maġenb l-Slipway tal-Bajja tal-Qbajjar jgħola 10 pulzieri peress li ġie inċim mal-baħar. Il-membri qablu li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward.

85.4.2.15 Propona sabiex issir laqgħa ma' l-Arċipriet rigward il-festa ta' Santa Marija peress li l-festa ser tkun qrib l-elezzjoni tal-Kunsill. Talab sabiex il-programm jiġi mfassal sa xahar ieħor. Il-membri qablu.

85.4.2.16 Informa lil membri li kien talab sabiex titranġa rampa ta' garaxx fi Triq il-Munġbell. Qal li din it-talba saret xi 5 snin ilu peress li aċċess għal garaxx ma sarx. Il-membri qablu li din ir-rampa ssir mill-Kuntrattur M. Portelli.

85.4.2.17 Propona sabiex issir qoxra tas-sejjiegħ tal-qawwi mal-ħajt li hemm fejn is-salini tal-melħ. Il-membri qablu li tinħareġ offerta f'dan ir-rigward.

*Il-Viċi Sindku, Sandra Grech skużat ruħha u daħlet fil-kamra fil-4.20 ta' filgħaxija.*

85.4.2.18 Informa lil membri li tneħħew il-karozzi abandunati mill-parkeġġ ta' Marsalforn. Sostna li l-Kunsill għandu l-awtorita' li joħroġ offerta għat-towing. Is-Sindku nfurmatu li l-pulizja jwaħħlu avviż mal-vettura u jinħareġ avviż fil-gazzetta tal-Gvern meta ma jkunux jafu ta' min hi. Il-membri qablu li din il-materja għandha tiġi diskussa waqt il-laqgħa li ssir mal-pulizija darba fix-xahar.

85.4.2.19 Propona u l-membri qablu sabiex tinzebaħ *zebra crossing* fi Triq Santa Marija fejn il-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li l-Perit għandu jħejji traffic management sabiex jintbgħat lil Transport Malta għal approvazzjoni tagħhom.

85.4.2.20 Talab sabiex issir talba biex tiġi nstallata magna tal-BCRS fejn il-Playing Field taż-Żebbuġ. Is-Sindku nfurmatu li din it-talba kienet diġa' saret mal-BCRS u għalhekk ser terġa ssir tfakkira.

85.4.2.21 Talab sabiex jinbena l-ħajt tal-kantun fi Triq ix-Xwejni kantuniera ma Triq il-Batterija peress li ttikel bil-melħ. Il-membri qablu li għandu jitqabbad il-kuntrattur JP Saliba u jinġabu l-permessi neċessarji.

85.4.2.22 Informa lil membri li nsterqet mera faċċata ta' Triq ta' Ċenċ. Il-membri qablu li għandha titwaħħal oħra. Fakkar ukoll sabiex issir tfakkira lil kuntrattur li kellu jwaħħal oħra fi Triq Wied l-Infern.

85.4.2.23 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil Ministeru għal Għawdex biex jeħlu l-crash barriers fi Triq Għajn Mhelhel fejn il-ġebla tal-munġitar.

85.4.2.24 Talab sabiex jinbena ħajt tal-kantun ta' M Saliba fi Triq Wied l-Infern. Il-membri qablu li x-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur M. Formosa.

85.4.2.25 Talab sabiex jinżebaħ double yellow line fi Triq Skappuċċina faċċata ta' A. Xuereb. Is-Sindku fakkritu li hi prassi tal-Kunsill li l-ewwel jinkiseb il-permess bil-miktub ta' quddiem min ser jiġu dawn is-sinjali. Għalhekk ir-resident li qed jagħmel it-talba għandu jġib il-permess bil-miktub l-ewwel.

85.4.2.26 Talab sabiex titranġa bankina u rampa fi Triq Franġisk Stivala mill-ħaddiem tal-Kunsill u talab sabiex jinżebgħu s-sinjali sofor faċċata quddiem l-ispiżerija. Il-membri qablu.

85.4.2.27 Talab sabiex titranġa rampa fi Triq is-Sagħtrija. Il-Kunsillier Baskal Saliba ddikjara kunflitt ta' nteress. Il-membri qablu li din għandha ssir minn M.G Caruana.

85.4.2.28 Talab sabiex isir ftit konkos fejn il-gabbana tax-Xwejni peress li biċċa mit-triq inġarret bil-maltemp. Il-membri qablu li jitqabbad il-kuntrattur J Saliba.

85.4.2.29 Rigward Triq taċ-Ċaqra. Talab li tiġi sospiża l-laqgħa. Il-laqgħa ġiet sospoża fil-4.47pm. Il-laqgħa reġet bdiet fil-5pm. Il-membri qablu li l-Kuntrattur R. Axiaq inaddaf it-triq mill-ġebel imwaqqa u l-ħitan jinbnew malli jiġi ffirmat il-kuntratt tal-bini ta' ħitan tas-sejjiegħ.

85.4.2.30 Talab sabiex jinbena ħajt tal-kantun ta' 2 filati fi Triq ta' Milied ta' A. Saliba. Il-membri qablu li dan għandu jitħammel minn R. Axiaq u jinbena minn JP Saliba.

85.4.2.31 Informa lil membri li l-Kunsillier Baskal Saliba kien talab sabiex titranġa l-latrina tal-Qbajjar Promenade. Ġibed ukoll l-attenzjoni illi hemm bżonn li jsir suffit ġdid. Il-membri qablu li s-suffit jsir minn J. Cini.

*Is-Sindku talbet lil membri sabiex l-Materja 85.5 – Budget 2024 tiġi diskussa issa peress li ngħaqad b'mod virtwali l-Accontant tal-Kunsill. Il-membri qablu.*

**85.5 Budget 2024**

L-accountant tal-Kunsill ingħaqad mal-kamra fit-5.10pm.

Informa lil membri li fuq natura rikkurenti l-Kunsill jinsab *break even* u talab sabiex il-Kunsill joqgħod attent għan-nefqa tiegħu. Qal li l-proġetti kapitali huma kollha ffinanzjati minn sorsi oħra pero fakkar li hemm nefqa ta' €100,000 biss li jistgħu jintefqu mill-Kunsill. Wara diskussjoni s-Sindku rringrazzjatu ta' l-ispjega tiegħu u ħalla l-kamra fil-5.15pm.

*Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Kunsill jista' jkompli bid-diskussjoni skond l-Agenda – 85.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera u għalhekk talbet lil Viċi Sindku sabiex tressaq il-punti tagħha.*

**85.4 *Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera***

85.4.3 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

85.4.3.1 Talbet sabiex terġa teħel ix-xibka fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma Triq it-Torn. Il-membri qablu li jitwaħħal il-hoarding li ser jinqala mill-Belvedere ta' Triq Santa Marija.

85.4.3.2 Talbet sabiex tintbgħat tfakkira lil Kuntrattur fuq il-bozza ġdida li kellha teħel fi Triq is-Salini.

85.4.3.3 Infurmat lil membri li JP2 foundation talbu lil Kunsill sabiex jidħol f'kollaborazzjoni magħhom għal orkestra barranija. Il-membri ma qablux.

85.4.3.4 Talbet sabiex jitneħħa l-parkeġġ minn fejn l-IZIBET. Il-membri qablu fil-prinċipju pero l-ewwel għandu jsir traffic management mill-Perit.

85.4.3.5 Talbet sabiex tintbgħat tfakkira lil Artist Mario Cassar rigward 'Merħba Marsalforn' sabiex iħejji disinn.

85.4.3.6 Talbet sabiex titranġa l-islipway li hemm fejn il-Horizon. Il-membri qablu li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex.

85.4.3.7 Talbet sabiex jeħlu aktar tabelli ta' informazzjoni meta jinħareġ il-ħġieġ f' Ta' Barda, Triq il-Qolla, Triq in-Naħla u Triq Manwel Magro. Il-membri qablu.

85.4.3.8 Talbet sabiex isir patching fi Triq Santa Marija. Il-membri qablu li jintbgħat il-ħaddiem tal-Kunsill.

85.4.4 *Il-Kunsillier Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:-*

85.4.4.1 Talab sabiex jinbena ħajt ta' għalqa b'ġebel tal-kantun liema għalqa tagħti għal fuq passaġġ fi Triq ir-Rabat. Il-membri qablu li jsir minn MG Caruana.

85.4.4.2 Talab sabiex isir il-patching bil-konkos fil-parti t'isfel ta' Triq is-Sagħtrija. Il-membri qablu li jsir mill-ħaddiema kollha tal-Kunsill.

85.4.3.3 Talab sabiex il-ħarruba li tinsab fi Ġnien iż-Żebbuġ tingħata xi vitamini peress li tidher li qiedgħa tmut. Il-membri qablu li għandhom jiġu avviċinati l-Għaqda tan-Nar biex jieħdu ħsiebha.

85.4.3.4 Talab sabiex il-kuntrattur tal-Kunsill jagħmel ir-repainting taz-Zebra Crossing ta' Triq ir-Rabat ta' fejn il-Crystal Palace. Il-membri qablu.

85.4.3.5 Talab sabiex is-sellum li hemm imwaħħal fejn l-Otters titwaħħalu skalluna oħra. Din għandha ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

85.4.3.6 Talab ukoll sabiex issir talba lit-Taqsima tal-Beaches sabiex jitwaħħal sellum fejn l-islip way tax-Xwejni.

85.4.3.7 Talab sabiex d-dustbin tal-Public Cleansing jitmexxa 'l fuq mill-kaxxa ta' l-ittri fi Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu.

85.4.3.8 Talab sabiex issir talba b'mod urġenti fuq il-Gozo LC Works sabiex jinbena ħajt tat-triq li jinsab fi Triq ix-Xagħra u li jagħti għal fuq Triq il-Munġbell peress li fil-perikolu li jċedi. Il-membri qablu.

85.4.3.9 Talab ukoll sabiex x'ħin ikun qed jingħata l-patching ta' Triq is-Sagħtrija jingħata wkoll patching fi Triq ta' Tuttiet, Triq Ħabel it-Twil, Trejqed l-Andar u Triq tal-Kanun. Il-membri qablu.

85.4.3.10 Propona u l-membri qablu li jitwaħħlu sleeping policeman fil-wied ta' Marsalforn fejn hija pedestrian. Teħel waħda malli tinżel mix-Xagħra u oħra qabel ma toħroġ għal parkeġġ. Talab ukoll li jinżebgħu l-ispeed limit ta' 10 km/h fl-art. Il-membri qablu u qablu wkoll li ssir talba ma TM rigward l-sleeping policeman.

85.4.3.11 Talab sabiex jerggħu jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku fi Triq Lifurna. Il-membri qablu li x-xogħol isir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

85.4.3.12 Talab sabiex jitranġa ħajt tal-kantun fil-parkeġġ ta' Marsalforn. Il-membri qablu li x-xogħol isir minn J Saliba.

85.4.3.13 Talab sabiex teħel mera tat-traffiku fi Triq Santa Marija faċċata ta' Triq ix-Xtut. Il-membri qablu.

~~85.4.3.14 Talab sabiex il-kaxxa riservata għal persuni b'disabilita' fi Triq in-~~ Naħla titneħħa peress li m'għadhiex tintuża u minflok issir kaxxa tal-parkeġġ normali. Il-membri qablu.

85.4.3.15 Talab sabiex jinbena ħajt ta' għalqa fi Triq il-Wied. Il-membri qablu li jsir minn M. Portelli.

85.4.3.16 Talab sabiex tinġibed l-attenzjoni ta' Be Clean Ltd sabiex jagħtu aktar attenzjoni għat-tindif tal-Qbajjar Promenade.

85.4.3.17 Propona u l-membri qablu sabiex issir tabella Welcome to Xwejni Bay. Il-membri qablu li għandu jitqabbad V. Cini.

85.4.3.18 Propona u l-membri qablu li għandu jitwaħħal railing ta' l-istainless steel ma' ħajt fin-niżla ta' Triq Għajn Mhelhel. Għandu jintalab ukoll il-permess ta' sid il-binja.

85.4.3.19 Talab sabiex fit-tarf ta' Triq Mieġel il-Baħar jinbena taraġ li jagħti għal Triq is-Salini. Il-membri ma qablux peress li dan irid isir fil-privat.

## 85.6 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

Is-Segretarju Eżekuttiv issottomettiet ir-Rapport t'Evalwazzjoni ghal 3 kwotazzjonijiet:

ZGLC/CFQ/02/2023 - Request for the Printing of Marketing Materials.
Il-membri qablu li tingħata lil irħas offerant skont ir-rakkomandazzjoni tal-bord t'evalwazzjoni.

ZGLC/CFQ/03/2023 – Request for Quotations for the Supply of PVC Signs for Heritage Trail.
Il-membri qablu li tingħata lil irħas offerant skont ir-rakkomandazzjoni tal-bord t'evalwazzjoni.

ZGLC/CFQ/06/2023 - Request for Quotations Supply and Installation of weather-proof corten steel-based installations (re-issue)
Il-membri qablu li tingħata lit-tieni wieħed wara l-irħas offerant peress li l-irħas wieħed ma kienx compliant u dan skont ir-rakkomandazzjoni tal-bord t'evalwazzjoni.

## 85.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

85.7.1 Rigward id-double yellow line fi Triq ix-Xwejni, TM infurmaw lil Kunsill li hemm bżonn ta' Traffic Management mill-Perit.

85.7.2 Resident minn sqaq fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri qal li qed iżomm l-ilma. Il-membri qablu li għandu jiġi avviċinat il-kuntrattur f'dan ir-rigward peress li dan sar minnu.

85.7.3 Il-floodlight proviżorja ta' Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri F028 inxtegħlet.

85.7.4 Talba mingħand l-Otters Waterpolo sabiex il-Kunsill jorganizza attivita' magħhom fil-Villa Rundle. Il-membri qablu.

85.7.5 L-Avukat tal-Kunsill bgħat korrispondenza lil Awtorita' ta' l-Artijiet u lil Ministru konċernat rigward il-Batterija tal-Qbajjar sabiex din tgħaddi f'idejn Din l-Art Ħelwa. S'issa għadd ma għandhux risposta mingħandhom.

85.7.6 Intbgħatet direzzjoni mill-Avukat tal-Kunsill rigward l-ispralli ta' l-arja li hemm fuq il-bakini ta' Triq Barda fejn ta' l-parir li aħjar il-Kunsill ma jidħolx fi kwistjonijiet għal xogħol li ma sarx minnu. Il-membri nnotaw il-kontenut.

85.7.7 J. Bonello talbet sabiex terġa torganizza 10 sezzjonijiet oħra tal-Yoga u Fitness to Music. Il-membri qablu.

85.7.8 Il-Perit tal-Kunsill ġie mgħarraf sabiex iħejji Traffic Management ta' Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu. Il-membri ġew infurmati illi s-sinjal tal-karreġġata ġie miżbuħ.

85.7.9 Resident li joqgħod f'76, Triq Għajn Mhelhel talab sabiex isir il-patching necessarju peress li hemm parti li qed iżomm l-ilma u kull x'ħin jgħaddu l-karozzi iħammġulu l-faċċata. Il-membri qablu li jingħata l-patching neċessarju.

85.7.10 Avviż mill-PA rigward infurzar ta' mwejjed u tined f'Misraħ Sir M'Angelo Refalo Marsalforn. Il-membri nnotaw il-kontenut.

85.7.11 Talba mingħand C. Borg peress li qatta tyre ma bankina fi Triq Skapuċċina. Dan qed jitlob rimbors għal ħsara li ġarrab ta €165. Wara diskussjoni l-membri vvutaw hekk: Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Baskal Saliba astjenew waqt li l-Kunsilliera Nicky Saliba u

Daniel Cordina qablu li jitħallas ta' l-ispejjes. Il-Kunsillier Nicky Saliba ġibed l-attenzjoni illi l-Kunsill għandu jikteb lir-residenti kollha sabiex iħarsu l-marki tal-karreġjati.

85.7.12 ~~Talba mingħand E Farrugia sabiex il-biċċa triq li minn Triq il-Qbajjar~~ għal Triq il-Forn tingħata l-isem Triq it-Torri. Il-membri qablu li ssir talba ma' l-Istreet Naming Committee.

85.7.13 Ilment mingħand W Montanaro Gauci fejn qed joġġezzjona għal permess PA/05058/23 biex ma jsirx bini. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jżomm l-istess pożizzjoni u jħalli lil Awtoritajiet kompetenti jiddeċċiedu.

85.7.14 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2024 ser tkun €684,959 u €3,000 għaż-żoni turistiċi. Il-membri qablu li l-€3,000 jagħtuhom lil Għaqda tan-Nar sabiex jieħdu ħsieb it-tindif f'Marsalforn matul ix-xhur tas-Sajf.

85.7.15 Ilment mingħand P Vassallo għal problema tal-ħamiem li hemm fi Triq il-Kaptan Frank Debono. Dan talab sabiex jinxtraw pigeon traps biex jinqabdu l-ħamiem. Il-membri talbu lis-Seg. Eżekuttiv tindaga ma Kunsilli oħra kif jimxu f'dan ir-rigward u wara jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni.

85.7.16 Talba mingħand l-ispiżjar ta' Triq Kappillan Franġisk Vella għal un/loading bay. Il-membri qablu li ssir talba ma TM u jinżebaħ double yellow line ftit il-fuq sabiex ma jipparkjawx il-karozzi fuq iż-żewġ naħħat.

85.7.17 It-taraġ li hemm biex tinżel għal Bajja tal-Qbajjar tkisser bil-maltemp u qiegħed fi stat perikoluż. Il-membri qablu sabiex tintbgħat korrispondenza f'dan ir-rigward lid-Direttur Generali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

85.7.18 Cirkulari Nru SPI/SCI/1/2024 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li din ħarġet għal Kunsilli ta' Malta biss.

85.7.19 Talba sabiex titwaħħal tabella fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer li mhux permess li jinqalgħu r-rizzi. Il-membri qablu peress li dawn huma protetti.

85.7.20 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li d-decoder tas-CCTV camera li hawn imwaħħla mal-Kunsill għandu bżonn jinbidel. Dan jiswa €295. Il-membri qablu li dan għandu jinbidel.

85.7.21 Talba mill-Iskola Primarja taż-Żebbuġ sabiex jinxtraw 24 hoddie għal membri ta' l-istaff liema spiża tilħaq is-€672. Il-membri ma qablux.

85.7.22 L-arblu nieqes li hemm fil-bajja tal-Qbajjar u li kien inġarr mill-maltemp, il-membri qablu li jsir wieħed ġdid floku. Dan jiswa' €645. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li baqa' biss tnejn fl-istock u għalhekk qablu li jinxtraw it-tnejn li huma.

85.7.23 Rigward il-muturi li qed jipparkjaw bejn żewġ bibien fi Triq il-Lampuka. Wara korrispondenza ma TM, dawn infurmaw lil Kunsill sabiex tinżebaħ kaxxa tal-muturi jekk hemm bżonn. Il-membri qablu li jinżebaħ 1m double yellow line minflok.

85.7.24 Talba mingħand K. Grech sabiex jinbena ħajt tal-kantun fi Triq ta' Ċenċ b'tul ta' 40 pied. Il-membri qablu li dan għandu jinbena minn M. Spiteri.

85.7.25 Talba mingħand C. Schembri minn Triq is-Sajjied fejn talbet sabiex jitħassar id-disabled parking bay tagħha peress li ma reġax ġie mġedded u jinżebgħu double yellow lines fil-kantunieri. Il-membri qablu li għandu jintbgħat il-kuntrattur.

85.7.26 Talba għal permess mingħand R Henry sabiex jagħmel shooting tal-moda fis-salini. Il-membri qablu li jingħata l-permess fejn jingħata permess is-soltu.

85.7.27 Inġabru 3 kwotazzjonijiet għal xiri ta' 6 bankijiet għal Belvedere l-ġdid li sar fi Triq Santa Marija. Intgħażlet l-irħas offerta għal prezz ta' €3,470.26.

85.7.28 Inġabru 3 kwotazzjonijiet għal żewġ craddle seats għal bandli tal-Qbajjar Promenade. Intgħażlet l-irħas offerta għal prezz ta' €802.

## 85.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 54/2023 għall-perjodu ta' Jannar 2024 li tammonta għal €52,750.36 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed japprova l-kont tar-Reġjun t'Għawdex bin-numru 41 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Environmental Officer fi ħdan l-istess Reġjun u dan wara li l-Kunsillier Nicky Saliba rċieva direzzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex ma japprovax dan il-kont biss mill-iskeda ta' pagamenti. Il-Kunsillier Baskal Saliba

ukoll qed jastjeni mill-approvazzjoni tal-kont mibgħut mill-Chev. Carmel Saliba bin-numru 35 peress li mibgħut minn missieru.

85.9 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-18.44 ta' filgħaxija. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar il-Erbgħa, 21 ta' Frar 2024 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv